# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, it-Tlieta, 29 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Nru: 142/2022**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 41/2022 fl-ismijiet:**

***Hector Cilia***

***vs.***

***Rebekah Ann Cilia***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar talba mressqa minn Rebekah Ann Ċilia sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 41/2022AF għar-raġunijiet misjuba fl-**artikolu 836(1)(d)** jew (**f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jew sabiex ikun hemm tnaqqis fl-ammont sekwestrat skont l-**artikolu 836(1)(d)** hawn fuq imsemmi;

### *Daħla*

2. B'rikors imressaq fit-**18 ta' Frar, 2022**, Rebekah Ann Ċilia fissret li hija ġiet milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 41/2022. Hija tgħid li l-mandat li sar kontra tagħha mhuwiex *prima facie* ġustifikat għaliex Hector Ċilia

naqas milli jressaq provi biex isostni l-pretensjoni li huwa għandu fil-konfront tagħha u kif ukoll għaliex fl-istess mandat huwa qabad u niżżel ammont bl-addoċċ mingħajr ma ħass li kellu jispjega ruħu dwar kif wasal għal dan l-ammont. Iżżid li hija ma tirrispondix għall-ħsara li setgħet seħħet lil Hector Ċilia waqt li hija kienet għadha minuri u fl-agħar ipotesi hija għandha tinżamm responsabbli biss minn meta hija saret taf li Hector Ċilia mhuwiex missierha. Fl-aħħar nett hija tisħaq li Hector Ċilia m'għandu l-ebda jedd *prima facie* biex jiġbor lura l-ispejjeż li għamel għaliha wara li hija għalqet it-tmintax-il sena għaliex f'dak l-istadju huwa ma kellu l-ebda obbligu legali li jmantniha u għalhekk dawn l-ispejjeż għamilhom bir-rieda tiegħu;

3. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet Rebekah Ann Ċilia talbet lil din il-qorti sabiex:

> *«tordna r-revoka totali jew parzjali tal-mandat ta' sekwestru numru 41/2022 fl-ismijiet Hector Cilia vs Rebekah Ann Cilia ai termini tal-artikolu 836(1)(d) jew 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jew tordna r-riduzzjoni tal-ammont sekwestrat ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-istess liġi, bl-ispejjeż kollha kontra s-sekwestrant.»*

4. B'digriet tagħha tal-**<u>25 ta' Frar, 2022</u>**, il-qorti ordnat in-notifika lil Hector Ċilia, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Rebekah Ann Ċilia;

5. Hector Ċilia wieġeb fit-**<u>8 ta' Marzu, 2022</u>** u ta r-raġunijiet tiegħu għaliex it-talba miġjuba f'dan ir-rikors m'għandhiex tintlaqa';

***Fatti***

6. B'rikors maħluf numru 17/2022CFS imressaq fil-**<u>11 ta' Jannar, 2022</u>**, Hector Ċilia fetaħ kawża sabiex Rebekah Ann Ċilia u ommha Pauline Ċilia jiġu kkundannati jħallsuh id-danni kif likwidati mill-qorti minħabba li huma allegatament kienu qarrqu bih billi ħbewlu l-fatt li Rebekah Ann Ċilia mhijiex il-bint naturali tiegħu. Skont Hector Ċilia dawn id-danni jikkonsistu fi spejjeż li huwa kellu jagħmel għat-

trobbija u għall-edukazzjoni ta' Rebekah Ann Ċilia u kif ukoll f'rigali u għajnuniet li huwa kien ta lil Rebekah Ann Ċilia wara li saret adulta;

7. Din il-kawża għadha ma nqatgħetx;

8. Fl-istess ġurnata, jiġifieri fil-**<u>11 ta' Jannar, 2022</u>**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet talba ta' Hector Ċilia biex jinħareġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra Rebekah Ann Ċilia fl-ammont ta' €25,000;

9. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-ammont kienet minħabba, «*danni sofferti mis-sekwestrant bi ħtijiet tas-sekwestrata u fuq liema mertu qiegħda tiġi intavolata kawża kontestwalment*»;

10. Imbagħad fit-**<u>18 ta' Frar, 2022</u>**, Rebekah Ann Ċilia ressqet ir-rikors li dwaru qiegħed jingħata d-digriet tal-lum;

***Konsiderazzjonijiet***

11. Skont il-liġi tagħna, mandat jista' jiġi mħassar jekk jintwera li teżisti waħda mis-sitt ċirkostanzi msemmija fl-**artikolu 836(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

12. Fil-każ tagħna, Rebekah Ann Ċilia ssemmi numru ta' raġunijiet fir-rikors tagħha għaliex il-mandat ta' sekwestru 41/2022 jixraq li jiġi mħassar u dawn torbothom maċ-ċirkostanzi misjuba fl-**artikolu 836(1)(d)** u **(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

13. L-<u>ewwel raġuni</u> mressqa minn Rebekah Ann Ċilia biex jitħassar il-mandat hija marbuta mal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jgħid li mandat jista' jitneħħa jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx *prima facie* ġustifikat jew inkella jkun wieħed eċċessiv;

14. Fir-rikors tagħha Rebekah Ann Ċilia targumenta li Hector Ċilia ma ressaq l-ebda prova biex isostni l-pretensjonijiet tiegħu fuq bażi *prima facie*. Tgħid li d-dikjarazzjoni ġenerika li Hector Ċilia għamel fil-mandat ta' sekwestru mressaq minnu ma kellhiex tkun biżżejjed biex jintlaqa' l-mandat u li l-istess Hector Ċilia kellu fuqu l-piż li jispjega kif wasal għall-ammont li huwa kien qiegħed ifittex li jikkawtela. Issostni wkoll li Hector Ċilia ma messux qabad u niżżel ammont kif ġie ġie fil-mandat bla ma jfiehem u jipprovdi dokumentazzjoni dwar kif wasal għall-ammont ta' €25,000;

15. Dwar dan il-punt, il-qorti tibda billi tippreċiża li l-liġi ma tgħidx li biex jista' jinħareġ mandat kawtelatorju, is-sekwestrant irid ifisser kif inbena l-ammont li jixtieq jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat (ara ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2018);

16. Kif ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'***Karmena Callus et v. Dione Cassar et*** deċiż fil-21 ta' April, 2014,

> *«mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba".»* (ara **artikolu 831 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);

17. M'hemmx għalfejn li min joħroġ mandat joqgħod ifisser fit-tul id-dettal tal-kreditu jew tal-pretensjoni li tkun. Ikun biżżejjed li, fi ftit kliem, jagħti stampa ċara ta' dak il-jedd jew pretensjoni li huwa jkun irid jikkawtela bil-ħruġ tal-mandat li jkun (ara ***M.I.M.S. Supplies Limited v. Ivan Calleja*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Jannar, 2009);

18. Ifisser dan, li kontra dak li tgħid Rebekah Ann Ċilia f'dan ir-rikors tagħha, biex mandat ikun validu m'hemmx għalfejn li s-sekwestrant joqgħod jissostanzja l-ammont li jkun jixtieq jikkawtela b'xi prospetti, dokumenti jew provi oħra. L-importanti huwa li ċ-ċifra li s-sekwestrant jitlob li tiġi kkawtelata bil-mandat tkun waħda li mad-daqqa t'għajn tista' titqies li tkun waħda li taqbel u tagħmel sens man-natura tad-dejn jew mal-pretensjoni msemmija bħala kawżali fil-mandat ta' sekwestru;

19. Kif taraha din il-qorti, dak li m'għandux isir huwa li sekwestrant jivvinta ammont minn żniedu jew jaqbad u jsemmi ċifra bl-addoċċ fil-mandat li tkun għalkollox maqtugħa mir-realtà;

20. Din il-qorti tħossha fid-dmir li tikkummenta li Hector Ċilia messu fiehem aħjar fir-rikors tiegħu għall-ħruġ tal-mandat x'inhuma d-danni li huwa ġarrab minħabba l-allegat aġir qarrieqi ta' Rebekah Ann Ċilia. Tabilħaqq, l-ispjegazzjoni mogħtija minnu fil-mandat hija waħda lakonika għall-aħħar għaliex fiha imkien m'hemm imfisser fiex kienu jikkonsistu r-rigali u l-għajnuniet li huwa ta lil Rebekah Ann Ċilia wara li għalqet l-età ta' tmintax-il sena;

21. Madankollu, il-qorti tinnota li fit-tweġiba mressqa minnu fit-8 ta' Marzu, 2022 għar-rikors ta' Rebekah Ann Ċilia, Hector Ċilia sewwa l-pożizzjoni tiegħu għaliex flimkien mat-tweġiba tiegħu huwa hemeż u ħalef prospett li jfiehem aħjar x'inhuma dawn ir-rigali u assistenzi li huwa semma fir-rikors maħluf bin-numru 17/2022CFS. Skont Hector Ċilia dawn jinkludu, fost l-oħrajn, żewġ *laptops*, żewġ *iphones*, kuntratt tal-mowbajl għal sentejn, petrol għall-karozza, btala f'Milan, spejjeż oħra relatati ma' safar barra minn Malta, inkluż gradwazzjonijiet ta' Rebekah Ann Ċilia barra minn Malta, pendent tad-djamant u spejjeż oħra;

22. Għalhekk, f'dan l-istadju l-qorti ma tistax tgħid li Hector Ċilia ma spjegax x'inhuma d-danni li huwa qiegħed jippretendi mingħand Rebekah Ann Ċilia;

23. Il-bqija tal-argumenti l-oħra mressqa minn Rebekah Ann Ċilia fir-rikors tagħha, jduru kollha mar-raġunament milħuq minnha li hija ma tistax tinżamm responsabbli għad-danni għall-perijodu li fih hija ma kinitx taf li Hector Ċilia mhuwiex missierha u kif ukoll għaż-żmien li fih hija kienet għadha minuri. B'xorti ħażina għal Rebekah Ann Ċilia, dawn l-argumenti ma jistgħu jkunu tal-ebda fejda għaliha għaliex fit-tweġiba tiegħu, Hector Ċilia spjega li l-prospett ta' danni li ġie mħejji minnu jkopri biss il-perijodu li fih Rebekah Ann Ċilia kienet taf li hija mhix il-bint naturali ta' Hector Ċilia, jiġifieri wara li s-sekwestrata għalqet l-età ta' tmintax-il sena;

24. Mingħajr ma tikkummenta wisq fuq il-mertu tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet fil-kawża 17/2022 CFS, il-qorti ma tistax f'din il-proċedura teskludi li Hector Ċilia tassew ġarrab danni jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu juri li Rebekah Ann Ċilia qarrqet bih sabiex hija takkwista r-rigali u l-għajnuniet hawn fuq imsemmija mingħandu;

25. Naturalment, jista' jkun li l-ammont imsemmi fil-mandat kawtelatorju minn Hector Ċilia mhuwiex dovut, kif hekk qiegħda tgħid Rebekah Ann Ċilia, imma dan mhuwiex xogħol din il-qorti li tiddeċidieh f'din il-proċedura iżda fil-mertu tal-kawża 17/2022CFS;

26. Fi proċedura marbuta ma' talba għat-tneħħija ta' mandat kawtelatorju, xogħol il-qorti mhuwiex li tgħid min għandu raġun fil-mertu bejn il-partijiet kontendenti. Mod ieħor, xogħol il-qorti fil-ħruġ jew fiż-żamma ta' mandat kawtelatorju huwa li tara jekk l-ammont indikat fil-mandat ta sekwestru huwiex wieħed li raġonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni (ara ***Stewart Desmond Stanley v. Therese Mangion Galea*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju, 2005 u ***Avv J.J. Vella noe v. Eden Irish Aircraft Leasing MS 204 Limited et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Diċembru, 2012);

27. Għalissa din il-qorti mhijiex f'qagħda li tista' tgħid li Hector Ċilia ressaq pretensjoni li mhijiex ġustifikata. Naturalment Rebekah Ann Ċilia tista' ma taqbel xejn ma' din il-pretensjoni, iżda b'daqshekk ma jfissirx li Hector Ċilia m'għandux sies legali sabiex jikkawtela l-pretensjoni tiegħu;

28. Il-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ġie ppruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Huwa għal din ir-raġuni li ma jistax jingħad li s-sempliċi fatt li ġudikant ikun laqa' jew ċaħad talba għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju oġġettivament jiġġustifika xi preokkupazzjoni dwar l-imparzjalità tiegħu, meta huwa jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu dwar l-istess dritt li kien is-suġġett tal-mandat kawtelatorju, sakemm ma jkunux jeżistu xi ċirkostanzi speċjali (ara ***Sandro Chetcuti et v. L-Avukat Ġenerali*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005);

29. Il-mistoqsijiet li jrid jagħmel ġudikant lilu nnifsu meta jeżamina talba għall-ħruġ jew tneħħija ta' mandat kawtelatorju huma differenti minn dawk li jrid jagħmel meta jiġi biex jiddeċiedi l-kawża fil-mertu;

30. Fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti mingħajr bl-ebda mod ma qiegħda tippronunzja ruħha dwar is-siwi tat-talbiet imressqa fir-rikors maħluf, tgħid li tajjeb jew ħażin, Hector Ċilia wera li huwa għandu pretensjoni mad-daqqa t'għajn xi jressaq kontra Rebekah Ann Ċilia. Issa jekk din il-pretensjoni hijiex mistħoqqa jew le, wieħed irid jaraha mhux f'din il-proċedura tar-revoka tal-mandat iżda waqt li jkun qiegħed jiġi diskuss il-mertu nnifsu tar-rikors maħluf, fil-kawża prinċipali li hemm bejn il-partijiet;

31. Ifisser għalhekk, li l-qorti ma tistax tgħid li l-mandat li ntalab minn Hector Ċilia huwa *prima facie* inġustifikat;

32. Il-qorti trid tara issa jekk l-ammont ta' €25,000 imsemmi minn Hector Ċilia fil-mandat miksub minnu huwiex wieħed eċċessiv;

33. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun esaġerat fid-dawl tat-talba li ssir, jew ikun tant eżaġerat li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod azzardat (ara ***Marco Bugelli v. Mark Micallef et*** mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Awwissu, 2018);

34. L-istess ingħad fid-digriet ***Noel Bonnici et v. Caruana Constructive Co. Limited*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Awwissu, 2013, «*li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed «eċċessiv», irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin»;*

35. Illi l-qorti trid iżżomm hawnhekk f'moħħha wkoll, illi jekk hija ssib li l-ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li mad-daqqa t'għajn ikun xieraq, allura s-soluzzjoni m'għandhiex tkun li jitħassar il-mandat kollu kemm hu, imma jekk xejn li jiġi mnaqqas l-ammont sekwestrat (ara ***Salvino Farruġia noe v. Exalco Holdings Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru, 1999, ***Casino-For-Me Limited v. Chartwell Games (Malta) Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Awwissu, 2008 u ***C & F Building Contractors Limited v. Emanuel Farrugia*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Awwissu, 2014);

36. Imħaddmin dawn il-prinċipji għall-każ li għandna quddiemna, jirriżulta li Hector Ċilia ma kienx kapaċi jispjega kif wasal għall-ammont totali sekwestrat ta' €25,000. Fil-prospett imħejji minnu li ġie mehmuż mat-tweġiba tiegħu tat-8 ta' Marzu, 2022, Hector Ċilia kien kapaċi jispjega biss allegati danni li huwa seta' ġarrab li jlaħħqu l-ammont ta' €21,800;

37. Din il-qorti tqis li ladarba Hector Ċilia ma kienx kapaċi jikkwantifika d-danni li huwa allegatament ġarrab f'ammont li jissarraf f'€25,000, huwa ma kienx imissu talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju f'dan l-ammont. Jista' jkun li Hector Ċilia jirnexxilu jipprova dan l-ammont ta' danni waqt li tkun qiegħda miexja l-kawża fir-rikors maħluf 17/2022CFS. Imma għalissa bl-atti u bis-sottomissjonijiet li ġew imressqa quddiemha, il-qorti ma tħossx li Hector Ċilia rnexxielu juri li l-pretensjoni tiegħu fil-konfront ta' Rebekah Ann Ċilia tirrifletti s-somma ta' €25,000;

38. Il-qorti għalhekk tikkonkludi li għalkemm il-mandat m'għandux jitħassar taħt din il-kawżali tal-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, madankollu hemm lok li l-ammont imsemmi fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 41/2022 jiġi mnaqqas minn €25,000 għal €21,800;

39. It-<u>tieni u l-aħħar raġuni</u> msemmija minn Rebekah Ann Ċilia għaliex għandu jitħassar il-mandat hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

40. Din il-kawżali tidħol fix-xena biss fejn ikollok waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li tkun teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att, iżda li ma tibqax hekk teżisti wara l-ħruġ tal-mandat (ara *inter alia* ***Tyrell Corporation Limited v. Yirun Europe GmbH et*** tal-14 ta' Jannar, 2021, ***Western Company Limited v. Anthony Lia et*** tad-29 ta' Settembru, 2020, ***Bartholomeo Bonett et v. George Borg et*** tat-23 ta' Ottubru, 2007 u ***Dr Tonio Fenech noe v. Dr Patrick Spiteri et noe et*** tat-3 ta' Awwissu, 2001);

41. Dak li jgħodd għalhekk biex tista' titħaddem din id-dispożizzjoni huwa li jintwera minn min irid li jitħassar il-mandat, li wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' għalkollox jew f'parti minnu fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "*jinżamm*" u "*aktar*

*meħtieġ*" li jinsabu fl-imsemmi **artikolu 836(1)(f)**, liema kliem jagħtu x'jifhmu li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-mandat, issa m'għadux il-każ (ara ***Ivan John Debono v. Antoine Vella***, deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2021);

42. Il-bdil li għalih japplika dan is-subinċiż irid ikun wieħed li jolqot iċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet u mhux lejn terzi (ara ***Angela Busuttil Naudi v. Stephen Busuttil Naudi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Awwissu, 2009);

43. Fil-każ tagħna, Rebekah Ann Ċilia ma semmiet l-ebda ġrajja ġdida fir-rikors tagħha, li seħħet wara l-ħruġ tal-mandat inkwistjoni fil-11 ta' Jannar, 2022. Tassew, ir-raġunijiet li mbuttaw lil Rebekah Ann Ċilia biex titlob it-tħassir ta' dan il-mandat ġa kienu jeżistu fil-mument li ntlaqa' l-mandat fil-11 ta' Jannar, 2022 u ma nibtux minn ċirkostanzi li seħħew wara;

44. Għalhekk din il-qorti ma tistax tilqa' t-talba ta' Rebekah Ann Ċilia biex il-mandat jitneħħa għar-raġuni misjuba fl-**artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors tat-18 ta' Frar, 2022 billi:

i. **Tilqa' limitatament it-talba ta' Rebekah Ann Ċilia** safejn din hija msejsa fuq l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta** billi, bla ma tħassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 41/2022AF maħruġ kontra tagħha, tnaqqas il-valur tal-istess mandat mis-somma ta' €25,000 għas-somma ta' €21,800, u mill-bqija tħalli l-istess mandat fis-seħħ; u

ii. **<u>Tiċħad it-talba ta’ Rebekah Ann Ċilia</u>** safejn din hija mibnija fuq l-**artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

Fl-aħħar nett, il-qorti **<u>tordna</u>** li bit-tħaddim tal-**artikolu 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha. Dan jinħass xieraq għaliex fuq naħa ‘l waħda Rebekah Ann Ċilia ma seħħilhiex tneħħi għalkollox il-mandat minn fuqha, għalkemm naqqset parti żgħir mill-ammont kawtelat; u fuq ix-xaqliba l-oħra, Hector Ċilia messu mill-ewwel ta aktar tagħrif dwar fiex kien jikkonsisti l-ammont kawtelat fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u mhux stenna li Rebekah Ann Ċilia toqgħod tagħmillu rikors biex ifisser dwar xiex huwa qed jippretendi li jitħallas għad-danni.

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**